**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Illum l-24 ta' Mejju 2022**

**Kaz Numru 450/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Zerafa)**

**Vs.**

**Andre' Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Andre Galea Andre Galea, ta' 32 sena, bin Alfred u Giovanna xebba Camilleri, imwieled Pieta nhar it-11 ta' Dicembru 1985, residenti 'Roy House' Triq San Guzepp, Paola jew 25, Triq L-Imsell, Bugibba, u detentur ta' Karta ta' l-Identita bin-numru 24686M

akkuzat talli nhar il-31 ta' Awissu 2018, u fil-ġranet u xhur ta' qabel, ġewwa 'Roy House' Triq San Guzepp, Paola,

1. b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;
2. Gieghel klieb isofru ugieh, tbatija jew dwejjaq minghar bzonn u/jew hallejt l-klieb abbandunati.
3. Kont responsabbli ghat-trattament xieraq tal-klieb li zzomm jew li qbilt li zomm, izda inqast li taghmel dan.
4. Inqast li tiehu dawk il-passi ragonevoli f'kull cirkostanza sabiex tizgura li l-htigijiet tal-klieb li kont responsabbli ghalihom jew li qbilt li tiehu hsieb, jintlahqu hekk kif mehtieg bi prattici tajba sabiex tigi zgurata s-sahha u l-benesseru tal-klieb billi nqast li tipprovdi provvista ta' ambjent xieraq u/jew provvista ta' dieta sana u/jew lok sabiex l-klieb jesprimu l-imgieba normali taghhom u/jew provvista ta' akkomadazzjoni xierqa u/jew protezzjoni minn ugieh, tbatija, korriment u mard.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li matul l-ezami tal-imputat ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[2]

[1] Folio 23 ta' l-atti processwali
[2] Folio 29 ta' l-atti processwali

Rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex provi ohra xi tressaq nhar is-16 ta' Novembru 2021.[3]

Rat illi d-Difiza ddikjarat illi lanqas hi ma kellha aktar provi xi tressaq nhar is-16 ta' Novembru 2021.[4]

Rat id-dokumenti kollha pprezentati inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, u wara li fliet l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-prosekuzzjoni u d-difiza jitrattaw bis-sottomissjonijiet finali fl-udjenza ta' l-1 ta' Marzu 2022.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar il-31 ta' Awissu 2018 meta ufficjal mid-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali, ghamlu spezzjoni fuq il-proprjeta ta' l-imputat u sabu li kien hemm diversi ksur ta' regolamenti fuq iz-zamma ta' l-annimali u klieb li kienu maltrattati u mizmuma f'stat hazin ghad-detriment taghhom.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

[3] Folio 140 ta' l-atti processwali

[4] Folio 140 ta' l-atti processwali

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2021 xehdet **l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa**, stazzjonata l-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal il-Ġdid li kkonfermat li d-dokumenti eżebiti minn Fol 12 sa Fol 22 huma kwerela magħmula mid-Direttorat tat-Trattament xieraq tal-Annimali. Wara li ġiet mgħoddija din il-kwerela, hija kienet għamlet kuntatt mal-imputat Andre Galea u infurmatu li kienu ser jinħarġu l-akkużi skont il-kwerela. Ippreżentat ukoll għadd ta' sentenzi preċedentament mogħtija kontra l-istess Andre Galea.

Fl-istess seduta xehed **Noel Montebello**, eks-Direttur tal-Animal Welfare. Huwa kkonferma li d-Dipartiment immexxi minnu kien ħareġ il-kwerela in eżami fil-konfront tal-imputat Andre Galea wara li kienu nstabu xi irregolaritajiet dwar klieb.

Fl-istess seduta xehed **Dr Luke Vella Verzin**, veterinarju mal-Animal Welfare Directorate. Għalkemm ikkonferma li fuq il-kwerela eżebita a Fol. 13 hemm il-firma tiegħu, spjega li ma kienx involut direttament fl-investigazzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ix-xhud ġie riprodott fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2021 fejn ikkwaifika li ħa d-deċiżjoni li tinħareġ kwerela dwar dan il-każ wara li qagħad fuq dawk li kienu spjegaw l-uffiċjali tad-Dipartiment li għamlu l-ispezzjonijiet u minħabba li fil-fehma professjonali tiegħu, iċ-ċirkostanzi kienu tali li kien hemm periklu ta' *dehydration* u *heat stroke* minħabba li f'bitħa jkun hemm il-longa tas-sħana għax ma jkunx hemm ventilazzjoni adegwata. Li kienu l-klieb ikollhom aċċess għal ġewwa, is-sitwazzjoni tkun ferm differenti. Fil-fehma tax-xhud, l-element tal-krudeltà  jirrisali għall-fatt li l-klieb ġew konfinati fi spazju limitat fis-sħana t'Awwissu mingħajr il-libertà li jfittxu spazju aktar komdu u dan bi ksur tal-*five freedoms* tal-annimali skont il-liġi.

Fl-istess seduta xehed **Joseph Cassar**, Animal Welfare Officer, li spjega li fid-29 t'Awwissu 2018 u fil-jiem ta' qabel kienu daħlu diversi rapporti li madwar il-fond Roy House, Triq San Ġużepp, Raħal Ġdid, kien qed ikun hemm irwejjaħ u spurġar ta' dranaġġ fuq il-bankina peress li kienu qed jinżammu xi klieb ġewwa dan il-fond. Wara li ġie deċiż li ssir spezzjoni, ix-xhud ipprova jagħmel kuntatt mal-imputat imma dan kien diffiċli u allura ġew avviċinati l-pulizija. Meta nkiseb aċċess, kienet saret spezzjoni konġunta mad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali nhar il-31 t'Awwissu 2018 għall-ħabta tat-08:15hrs fejn ittieħdu xi ritratti li fihom jidhru żewġt iklieb tar-razza pitbull ġo bitħa interna. Kull ma kellhom fejn jistkennu kienet *kennel* żgħira tal-plastik u dan minkejja x-xemx qawwija tas-sajf. Dan iġib periklu ta' *dehydration* għall-klieb. Mal-art kien hemm il-ħmieġ tal-klieb kif jidher sewwa mir-ritratti. Ix-xhud spjega li kienet saret spezzjoni oħra qabel, u ċioe' fit-13 ta' Ġunju 2018 fejn kien instab kelb tar-razza *fox terrier* li kien irreġistrat ukoll. Kien instab xi ħmieġ u l-imputat kien ingħata struzzjonijiet sabiex inaddaf u jinstalla tinda. Wara dan, kien hemm diffikulta' li ssir *follow-up* minħabba li ma kienx faċli li tikkuntattja lill-imputat u fil-fatt, l-ispezzjoni tal-31 t'Awwissu ma saritx minn ġol-bini nnifsu iżda ittieħdu ritratti minn fuq il-bejt ta' fond viċin. B'referenza għar-ritratt eżebit a Fol 20, ix-xhud spjega li dan juri borża taż-żibel u bil-katusa li tisporġi mill-bitħa għal barra hemm ħmieġ tal-klieb u tbajja ta' l-awrina fuq il-bankina. Ix-xhud għaraf il-firma tiegħu fuq ir-rapport tad-Dipartiment. In kontro-ezami, iċċara li qabel il-31 t'Awwissu 2018, hu ma kienx ħa sehem fi spezzjonijiet oħrajn. Spjega ukoll li wara li kienet saret l-ispezzjoni tat-13 ta' Ġunju 2018, kien hemm diversi attentati ta' *follow-up* dwar it-tinda iżda ħadd ma kien jiftaħ. Fil-31 t'Awwissu ġara l-istess izda ix-xhud l-kollega tiegħu Fiorita Maria Sammut ingħataw aċċess fuq bejt tal-ġirien. Minn dak li deher, il-klieb kienu msakkra fil-bitħa u ma kellhomx aċċess għal ġewwa d-dar. Spjega li kif deher mill-għoli, il-kontenituri li kien hemm kienu għall-ikel u l-ilma rispettivament u kien jidher li kien hemm ftit ilma.

Ix-xhud ġie riprodott fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 2021 fejn huwa kkonferma li fl-ispezzjoni tat-13 ta' Ġunju 2018 kien instab l-imputat fil-fond Roy House, Triq San Ġużepp, Raħal Ġdid u ġie mitkellem. Ġew meħuda ukoll id-dettalji tiegħu, kif mistqarra minnu stess. Ix-xhud seta' faċilment jidentifika lill-imputat fl-awla. In kontro-ezami, b'referenza għad-direzzjoni mogħtija lill-imputat li jagħmel tinda, spjega li huwa rekwiżit dettat mill-liġi li kelb ikollu għoti mill-elementi. Ikkwalifika li jekk il-kelb ikun normalment jgħix ġewwa d-dar ma jkunx hemm bżonn tali għoti iżda żamm ferm li f'dan il-każ, minn dak li rriżulta l-klieb kienu maqfulin barra u ma kienx hemm għoti kif trid il-liġi. Ma kienx kapaċi jiftakar b'ċertezza jekk waqt l-ispezzjoni tat-13 ta' Ġunju 2018 il-bieb tal-bitħa kienx miftuħ.

Fl-istess seduta xehdet **Fiorita Maria Sammut**, Animal Welfare Officer. Bħall-kollega tagħha li xehed qabilha, stqarret li kienu daħlu diversi rapporti dwar ħmieġ tal-klieb fil-fond Roy House, Saint Joseph Street, Paola u għalhekk kienu ġew involuti ukoll is-Sanità. Ikkonfermat li fit-13 ta' Ġunju 2018 kienet gia saret spezzjoni f'dak il-fond u ingħataw direzzjonijiet lill-imputat, li kien hemm preżenti, sabiex issir tinda u jitnaddaf il-ħmieġ iżda xorta baqgħu deħlin ir-rapporti u saret spezzjoni oħra fil-31 t'Awwissu 2018. Għarfet lill-imputat fl-awla minħabba li kienet ratu fl-ispezzjoni tat-13 ta' Ġunju 2018. Meta imbagħad kien hemm attentati ta' *follow-up*, l-imputat qatt ma kien id-dar u fl-aħħar spezzjoni, li hija dik relevanti għall-fini ta' dawn il-proċeduri, inkiseb aċċess viżwali minn fuq il-bejt ta' fond viċin fejn deher li kien hemm ħmieġ tall-klieb u kennel zgħira mhux biżżejjed għal tnejn. Ix-xhud ma kienitx ċerta jekk kienx hemm ilma jew le. Ix-xhud spjegat li hija kienet tal-fehma li l-klieb qatt ma kellhom aċċess għal ġewwa minħabba li fid-diversi li marru fuq il-post u ħabbtu l-bieb, ma kienx hemm sinjali li l-klieb kienu jkunu ġewwa.

Madankollu, meta saret l-ispezzjoni tat-13 ta' Ġunju 2018, deher li l-kelb li kien hemm dak iż-żmien, tar-razza *fox terrier*, seta' jidħol ġewwa. Meta imbagħad marru fuq il-post fil-31 t'Awwissu 2018 ma kien fetaħ ħadd iżda inkiseb aċċess għall-bejt ta' fond viċin u minn fuq deher li fil-bitħa kien hemm żewġ pitbulls. Deher ukoll li t-tinda baqgħet ma saritx u kien hemm ħmieġ tal-klieb mal-art, kif jidher mir-ritratti a Fol 17 u 18. Il-ħin kien bejn 07:45hrs u 08:15hrs. Ix-xhud spjegat li bejn dawn iż-żewġ spezzjonijiet kien hemm diversi attentati oħrajn sabiex issir follow-up iżda l-imputat qatt ma kien id-dar u lanqas ma kien jirrispondi telefonati minn naħa tid-Dipartiment. B'referenza għar-ritratti eżebiti a Fol 22, ix-xhud spjegat li kienet saret spezzjoni oħra fil-fond 25, Alfie, Triq l-Imsell, San Pawl il-Baħar. Dik l-ispezzjoni kienet saret fis-26 ta' Marzu 2017 u ma għandhiex rabta mal-akkużi odjerni li jiċċentraw solament ma dak riskontrat fil-fond Roy, Triq San Ġużepp, Raħal Ġdid. In kontro-eżami stqarret li ma kienitx għamlet verifiki jekk fi-fond relevanti joqgħodux nies oħrajn iżda kwalifikat li bħala Dipartiment, l-interess tiegħu huwa min huwa s-sid tal-annimali in kwistjoni u mhux min huma r-residenti f'dar partikolari. Żammet ferm li t-tbajja kannella li jidhru fir-ritratti a Fol 17 – 20 kienu filfatt ħmieġ tal-klieb.

Fl-istess seduta xehdet **Sabrina Grech**, uffiċjal tad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali li spjegat li fis-7 t'Awwissu 2018 kien daħal rapport li fil-fond Roy House, Triq San Ġużepp, Raħal Ġdid, kienu qed jinżammu klieb fi stat ta' iġene ħażina u allura saret spezzjoni konġunta mal-Animal Welfare. Din l-ispezzjoni saret fil-31 t'Awwissu 2018 u meta tħabbat il-bieb, deher li ma kien hemm ħadd u saret spezzjoni minn fuq il-bejt ta' dar minn fejn kienet tidher ċar il-bitħa tal-fond Roy House u kienet tinxtamm riħa qawwija wkoll tinten ta' ħmieġ tal-annimali. B'riżultat ta' din l-ispezzjoni, inħareġ *nuisance report* minn naħa tad-Dipartiment b'ordni lill-imputat sabiex inaddaf il-bitħa. Dan intbagħat bil-posta reġistrata, però qatt ma wasal għand l-imputat, li ukoll qatt ma rrisponda

t-telefonati li kienu sarulu. Spjegat li waslet għall-identifikazzjoni tal-imputat minn informazzjoni mgħoddija lilha mill-Animal Welfare. Ix-xhud għarfet ir-ritratti eżebiti li kienu ttieħdu waqt din l-ispezzjoni konġunta f'Roy House. In kontro-eżami stqarret li ma ttieħdu l-ebda passi ulterjuri kontra l-imputat minn naħa tad-Dipartiment tas-Saħħa Ambjentali.

Fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2021 xehed **Franklin Calleja**, Assistent Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali, li stqarr li minn riċerka li għamel ma jirriżultax li hemm appelli kriminali pendenti li jinvolvu lill-imputat Andre Galea u kkonferma bħala veri kopji s-sentenzi eżebiti minn Fol 34 sa Fol 41 tal-atti.

Fl-istess seduta xehed **Alfred Galea**, missier l-imputat Andre Galea li xehed bil-lingwa Ingliża. Ix-xhud stqarr li llum jgħix Buġubba u qabel kien jgħix Raħal Ġdid fil-fond relevanti għal dawn il-proċeduri, fejn kien joqgħod ma *partner* u kellu żewġt iklieb tar-razza pitbull bħala *pets*. Skont hu, dawn il-klieb kienu jkunu fil-bitħa iżda kellhom kamra fejn jidħlu u anke' *kennel* li fil-fehma tiegħu hija kbira. Il-bieb tal-kamra kien ikun miftuħ fuq iċ-ċappetti tiegħu. Dam joqgħod Raħal Ġdid madwar ħames snin, li kien jinkludi ż-żmien relevanti għall-akkużi odjerni, u ċioe' s-sena 2018. Mir-ritratti eżebiti identifika l-bieb tal-kamra fejn kienu jidħlu l-klieb u qal li minkejja li dan kien jidher magħluq, kien sokkjuż u seta' jiġi mbuttat mill-klieb jekk riedu jidħlu. Spjega ukoll li fil-fehma tiegħu il-kennel hija kbira biżżejjed biex iżżomm liż-żewġt iklieb f'daqqa. Filgħodu jħobb iqum tard, għall-ħabta tal-10:00hrs jew il-11:00hrs. B'referenza għar-ritratti a Fol 20, li hija l-kwerela li nstigat il-proċeduri odjerni, ix-xhud stqarr li l-klieb pitbull li jidhru f'dak ir-ritratt huma ta' ibnu u ċioe' l-imputat Andre Galea iżda huwa hu li jieħu ħsiebhom fil-prattika. L-imputat għandu klieb oħrajn. Skont ix-xhud, fil-mument li xehed ma għadx hemm klieb fil-fond Roy House ta' Raħal Ġdid u l-klieb kollha qiegħdin ma ibnu f'appartament fl-

Imsida, li skont l-għarfien tiegħu huwa l-indirizz reġistrat tal-karta tal-identita'. In kontro-eżami stqarr li ibnu kien ilu madwar ħames snin joqgħod fl-appartament tal-Imsida imma kien hemm xi drabi meta kien imur joqgħod Raħal Ġdid għal xi ftit jiem max-xhud minħabba li ġieli kien ikun *down* minħabba d-dipressjoni li jbati minnha. Kjarifika li l-klieb li jidhru fir-ritratti huma klieb differenti minn dawk li normalment kien iżomm hu.

**Ikkunsidrat**

**Provi mressqin**

Il-prosekuzzjoni esebiet il-kwerela tad-Direttorat ghat-Trattament Xieraq tal-Annimali fil-konfront ta' l-imputat li ggib id-data 31 ta' Awwissu 2018.[5] Din il-kwerela giet ikkonfermata mix-xhud Noel Montebello[6] fil-kapacita tieghu bhala Direttur tal-*Animal Welfare* u t-tabib Dr. Luke Vella Verzin[7] fil-kapacita tieghu bhala tabib veterinajru. Iz-zewg xhieda ikkonfermaw li qatt ma kienu prezenti meta saru l-ispezzjonijiet.

Gew esebiti wkoll rapport - *Animal Welfare Inspection Report*[8].

Dan ir-rapport iggib id-data tal-31 ta' Awwissu 2018 fejn huwa rraportat li ufficjali tad-dipartiment marru fir-residenza ta' l-imputat, li kienet 'Roy House', St Joseph Street, Paola, wara li kien sar rapport. Meta marru fuq il-post sabu zewg t'iklieb go bitha f'kundizzjonijiet mahmuga. Is-sid ta' l-annimali gie identifikat li kien l-imputat. Madankollu s-sid ma kienx prezenti meta saret din l-ispezzjoni u l-ufficjali accedew fuq bejt tal-gar ta' l-imputat u hadu ritratti minn gewwa r-residenza ta' din il-gar.

[5] Folio 12-13 ta' l-atti processwali
[6] Folio 42-44 ta' l-atti processwali
[7] Folio 45-46 ta' l-atti processwali
.[8] Folio 14-22 ta' l-atti processwali

Illi skond il-gar ta' l-imputat, l-imputat ma kienx qed izzomm il-bitha nadifa bizzejjed u kien qed ikun hemm spurgar ta' ilma mahmug mil-katusi li jghaddu ghal got-triq u b'hekk kien qed ikun hemm riha ta' l-awrina tal-klieb fl-inhawi.

Minn din l-ispezzjoni rrizulta li l-klieb kienu tar-razza pitbull u kienu qeghdin go bitha minghajr opportunita ta' stkenn mix-xemx, bil-hmieg taghhom madwarhom u *kennel* wahda zghira li kellha tintuza bejniethom.

Nhar it-13 ta' Gunju 2018 ghal-habta tad-9.30am saret spezzjoni ohra fejn instab kelb wiehed tar-razza *Fox terrier* li kien iccippjat. Dan il-kelb instab go bitha nadifa bi ftit hmieg tal-klieb. L-imputat kien avvzat sabiex joffri tinda ghal-bitha sabiex il-kelb ikollu fejn jistkenn, izda din it-tinda qatt ma giet provduta f'spezzjonijiet ulterjuri li kienu saru.

Illi r-rapport, r-ritratti mehmuza mieghu jaghmlu referenza wkoll ghal indirizz iehor gewwa Bugibba fejn saru spezzjonijiet fis-sena 2017. Madankollu stante li dawn l-akkuzi huma limitati ghal-indirizz gew Paola, il-Qorti sejra tezamina dawk il-provi biss relatati ma dawn l-akkuzi u tiskarta dawk l-ohra li mhumiex relevanti.

Illi mir-ritratti esebiti jirrizulta li ttiehdu hames (5) ritratti nhar il-31 ta' Awwissu 2018 ghal-habta tat-tmienja ta' filghodu.

Dawn ir-ritratti jidhru li huma mehudin mill-gholi u juru ritratti ta' bitha miksija bil-madum, mdawwra b'zewg bibien u zewgt itwieqi, *kennel* wahda, tlett skutelli ta' ikel ghall-klieb, zewgt iklieb gewwa l-*kennel* u wkoll iduru fil-bitha, zewg bramel, pala u squeezer, kif ukoll marki kannella fuq il-madum li qed jinghad huwa hmieg tal-klieb. Gie esebit ritratti iehor fuq il-bankina ta' barra tal-propjeta li juri skart go borza sewda u hmieg fuq il-bankina.

Mix-xhieda ta' Joseph Cassar[9] ikkonferma il-kontenut tar-rapport mertu tal-kwerela. Ix-xhud tenna li l-bitha ma kelliex tinda u b'hekk, minkejja li kien hemm *kennel* ghall-klieb din ma kinitx bizzejjed ghaliex kienet izzomm is-shana f'dak l-istagun tas-sajf.

*"L-annimali peress il kien is-Sajf, is-shana dawn ma kellhomx ghata ta' xejn, jigifieri, ix-xemx jekk giet ix-xemx fuqhom fix-xemx iridu jibqghu. Kull ma kellhom il-kennel. Il-kennel bis-shana l-plastik jiffermenta, jishon iktar, ma nafx, gieli dahhalt idejja jiena biex nispjega lill-individwu nghidlu hawnhekk jekk tpoggi bajda tinqela ghax vera ikun hemm is-shana plus il-hmieg li jkun hemm"*.[10]

In kontro ezami x-xhud ikkonferma li spezzjoni wahda biss kien ghamel u li qatt ma kien acceda go din il-bitha u li l-ispezzjoni saret minn fuq bejt ta' gar ta' l-imputat fejn gew innotati l-klieb gol-bitha. Meta kien rega mistoqsi aktar tard mill-ufficjal prosekutur gharraf l-imputat u ikkonferma li kien attenda f'spezzjoni qabel f'Gunju.[11]

Ix-xhud stqarr ukoll li ra l-bieben maghluqin, ghalkemm ma setax jghid jekk kienux msakkrin u li raw zewg skutelli ghall-klieb li kien fihom l-ilma.[12] In kontro ezami x-xhud ikkonferma li kemm-il darba l-kelb jghix gewwa m'hemmx obbligu legali li bitha ikollha tinda ghall-klieb izda li jkun hemm ghata ghalihom.[13] Izda, f'dan il-kaz, meta attendew it-tieni darba sabu l-bieb tal-bitha miftuh u ma kienx hemm ghata.

*"Jekk qed jghix gewwa l-kelb u ghandu l-bieb miftuh u access kemm ghal gewwa u kemm ghall-bitha m'hemmx bzonn li taghmillu jekk hemm fejn jistkenn pero' fil-bieb maghluq*

---

[9] Folio 47-65 u 101-111 ta' l-atti processwali
[10] Folio 51 ta' l-atti processwali
[11] Folio 102 ta' l-atti processwali
[12] Folio 59 ta' l-atti processwali
[13] Folio 105 ta' l-atti processwali

*kif kien f'dan il-kaz ghandhom bzonn tinda ghax il-kelb ma jistax jiftah il-bieb u jidhol gewwa."*[14]

Ix-xhud ikkonferma li meta maru fl-ewwel spezzjoni s-sitwazzjoni kienet differenti ghaliex il-kelb kien gewwa d-dar ma sidu u l-bieb tal-bitha ma kienx maghluq b'tali mod li jostakola l-kelb milli jidhol gewwa r-residenza.

L-istess xhud ukoll ikkonferma li waqt il-hin ta' l-ispezzjoni ma setghax jinghad li l-annimali kienu qeghdin ibatu mill-fatt li kienu barra fil-bitha.

*Avukat: "jigifieri inkun qed nghid sew li inti sa dak il-hin ma seta' kellek l-ebda biza' ragjonevoli li l-annimal ha jmutu minn dehydration ghax ilma kien hemm, il-kennel kienet prezenti u fit-tmienja ta' filghodu kienet ghadha ma telghetx ix-xemx hux hekk?"*

*Xhud: "Iva".*[15]

In kontro ezami x-xhud itenni li r-raguni principali tar-rapport huwa ghaliex skond hu l-*kennel* mhix kbira bizzejjed ghal zewgt iklieb, kien hemm hmieg tal-klieb u li l-bitha mhix armata b'tinda.

Mix-xhieda ta' Fiorita Maria Sammut[16] jirrizulta li kienu attendew spezzjoni ohra f'Gunju f'residenza ohra gewwa Bugibba fejn kienu kelmu l-imputat. Madankollu waqt l-ispezzjoni ta' Awwissu gewwa Paola ma kienux raw u kelmu lill-imputat. Meta attendaw nhar il-31 ta' Awwissu kienu raw il-klieb gol-bitha minghajr access ghal gewwa d-dar.

Meta kienet attendiet is-spezzjoni tat-13 ta' Gunju 2018, kien hemm prezenti kelb iehor *Fox Terrier* li kien registrat fuq l-imputat. Ix-xhud ikkonfermat li f'din l-ispezzjoni l-bieb tal-bitha kien miftuha bizzejjed li kienet tipermetti kelb jidhol

[14] Folio 105 u 106 ta' l-atti processwali
[15] Folio 60 ta' l-atti processwali
[16] Folio 66-100 ta' l-atti processwali

u johrog liberalment.[17] Kien fl-ispezzjoni ta' wara li raw zewgt iklieb fil-bitha minghajr access liberu ghal gewwa.

Ix-xhud tenniet ukoll li kien hemm hmieg tal-klieb ma l-art. Madankollu, anke fuq mistoqsija tal-Qorti stess, ix-xhud ma setghetx tghid b'certezza liema partijiet fir-ritratti kienu l-hmieg tal-klieb izda meta giet murija r-ritratti identifikat pjanca tal-hadid f'kantuniera li stqarret li kien hmieg tal-klieb.[18] Minkejja dan, in kontro ezami, x-xhud ma setghetx tikkonferma jekk din il-pjanca kienex mimlija hmieg jew kif suggerilha l-avukat, sadid.[19] Ghar-rigward l-iskutelli tal-klieb, ix-xhud ma setghetx tghid jekk kellhomx ilma jew le go fihom.[20]

Mix-xhieda tat-tabib veterinarju Dr. Luke Vella Verzin[21] spejga ghalfejn ghamel il-kwerela ghal dan il-kaz. Ix-xhud ikkonferma wkoll li huwa qatt ma kien prezenti f'ebda spezzjoni imma minn dak li gie ikkonstatat mill-ufficjali ra li kien hemm ragunijiet bizejjed sabiex issir il-kwerela. Fix-xhieda tieghu, x-xhud kien tal-fehma li l-klieb qatt ma setghu jidhlu gewwa r-residenza u li l-klieb kienu dejjem mizumin barra minghajr access ghal gewwa. Madankollu mix-xhieda ta' l-ufficjali li attendew irrizulta mod iehor u li fil-fatt fl-ispezzjoni ta' Gunju l-klieb kellhom access ghal gewwa.

Ix-xhud tenna wkoll li s-shana kienet preokupazzjoni kbira stante li kien Awissu.

*"Is-shana tibda roughly l-ghaxra, l-hdax u dan il-bniedem ma tafx meta gej lura din gurnata wara l-ohra."*[22]

---

[17] Folio 72 ta' l-atti processwali
[18] Folio 78 ta' l-atti processwali
[19] Folio 97 ta' l-atti processwali
[20] Folio 94 ta' l-atti processwali
[21] Folio 112-139 ta' l-atti processwali
[22] Folio 122 ta' l-atti processwali

Mix-xhieda ta' Sabrina Grech[23] irrizulta li kienet attendiet ghal-spezzjoni f'Awissu tas-sena 2018 ghand l-imputat. Ix-xhud stqarret li kienu telghu fuq bejt ta' residenza ta' haddiehor fejn minn hemm kienet tinxtamm riha qawwija ta' hmieg ta' l-annimali.

Wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha, xehed in difeza Alfred Galea li jigi missier l-imputat.[24]

Ix-xhud ikkonferma li ghamel hames snin jghix gewwa l-indirizz Paola flimkien mas-siehba tieghu fejn kien izommu zewgt tiklieb.

Skond ix-xhud dawn il-klieb kellhom *"a yard and a room, a very big room for the dogs and had a kennel, a very big, big kennel."*[25]

Ghalkemm il-klieb huma ta' l-imputat ix-xhud assuma r-responsabilita ta' dawn il-klieb u spjega kif il-bieb kien dejjem jinzamm miftuf u ma kienx wiehed fiss. Fis-sajf il-klieb kien jithallilhom hafna ilma u ikel u l-bitha kienet titnaddaf ta sikwit bi prodotti attaposta kif ukoll kien inaddfilhom il-hmieg taghhom.

In kontro ezami, ix-xhud spjega li safejn jaf hu, l-imputat kien jghix gewwa indirizz l-Msida fiz-zmien ta' l-allegat reat.

**Ikkunsidrat**

Ghar-rigward tibda billi tikkunsidra li l-hmieg li qed jigi allegat li kien qed jirrizulta fuq il-bankina, il-Qorti tqis li jekk jissusistix reat tat-tifi tal-hmieg fuq il-bankina mhuiex mertu ta' din il-kawza u lanqas ma hemm akkuzi fuq sanita relatati f'dan ir-rigward. Se mai il-fatt li kien hemm dan il-hmieg fuq il-bankina ta' barra hiereg mill-katusa li tghaddi ghal go bitha juri li fil-fatt kien qed isir

[23] Folio 133-139 ta' l-atti processwali
[24] Folio 143-167 ta' l-atti processwali
[25] Folio 148 ta' l-atti processwali

tindif regolari ta' din il-bitha. Issa ghar-rigward jekk dak it-tindif u hmieg kellux jispicca fit-triq huwa mertu ta' proceduri separati stante li hawnhekk l-imputat ma giex akkuzat b'kontravenzzjoni jew reat relatata.

Mill-provi irrizulta li r-ritratti ittiehdu bejn is-seba neqsin kwart u t-tmienja neqsin kwart ta' filghodu, u allura ma jistax jinghad li l-annimali kienu barra fl-eqqel tax-xemx u dan iktar u iktar meta t-tabib veterinarju xehed li s-shana tibda ghal madwar l-ghaxra ta' filghodu. Di piu ma giex stabillit kemm kienu ilhom barra u kemm damu barra u li din kienet issir b'frekwenza. Ma jistax jigi konkluz li kull kelb barra go bitha fis-sajf f'xi hin qed jigi mahqur. Il-prosekuzzjoni qatt ma stabbiliet kemm kienu qed idumu barra dawn il-klieb fix-xemx. Mill-atti ma tressqux sabiex jixhdu xi nies pajzana jew girien sabiex jixhdu dwar dawn il-fatti u li setghu ikunu l-ahjar xhieda f'kaz bhal dan stante l-fatt li kienu jghixu bieb ma' bieb ma' l-imputat. Wisq inqas in-nies li huma propjetarji tal-bejt minn fejn ittiehdu r-ritratti.

Illi la r-ritratti ittiehdu minn fuq bejt ta' wiehed mill-girien xi forma ta' access inghata lill-ufficjali. Din il-Qorti ghalhekk giet michuda mill-opportunita' li tisma xhieda indipendenti li setghu jaghtu l-verzjoni taghhom u dan in vista tal-fatt li la huma girien kienu jkunu aktar konsapevoli ta' dak kollu li kien jigri minn gurnata ghall-ohra fil-bitha tal-imputat.

Di piu, u dan b'mod krucjali, hadd mix-xhieda ma rraporta li l-klieb infushom kienu fi stat hazin. Minn imkien ma rrizulta li l-klieb kienu morda, jibku, nexfin, mdejjqin, mughugha jew b'xi mod iehor imdejjqin – hekk kif trid il-ligi.

Illi x-xhieda ta' missier l-imputat tpoggi fid-dubbju jekk l-imputat kienx jirrisjedi gewwa dan l-indirizz kif ukoll jitpogga fid-dubbju minn huwa l-persuna li kien qed jiehu hsieb l-istess klieb. Filwaqt li l-klieb kienu ta' l-imputat, kien missieru li kien fil-fatt jiehu hsiebhom ta' kuljum u dan minhabba l-fatt li l-imputat kien gieli ibati mid-dipressjoni. F'dan il-perjodu ta' zmien

partikolari kien missieru mas-siehba tieghu li kienu qed jghixu gewwa dan l-indirizz u mhux l-imputat.

Il-prosekuzzjoni ma ressqitx prova li tista tmeri dak li xehed missier l-imputat u ghalhekk hemm dubju ragonevoli dwar fejn fil-fatt kien jirrisjedi l-imputat f'dak il-perjodu ta' zmien. Madankollu ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-klieb huma tieghu ghalkemm kien missieru li kien jiehu hsiebhom ta' kuljum.

**Ikkunsidrat**

**L-addebitu tar-recidiva**

L-imputat gie akkuzat bl-addebitu tar-recidiva. Fix-xhieda ta' l-Ispettur Sarah Zerafa[26] gew esebiti erba' (4) sentenzi[27] in sostenn ta' dan l-addebitu. Illi jinghad li l-ewwel tlett sentenzi mhumiex applikabbli ghal konsiderazzjoni dwar recivida stante li l-pieni diversi taghhom huma ta' multi, sospenzjoni tal-licenzja, ordni ta' probation, ordni ta' xoghol fil-kommunita u skwalfika ta sewqan. Hija biss l-ahhar sentenza fejn il-piena hija ta' sentenza sospiza li tista biss tigi kkunsidrata ghall-finijiet ta' recidiva.

Mix-xhieda ta' Franklin Calleja[28] li xehed fil-kapacita' ta' Assistent Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, wara li kkonferma l-erba' sentenzi ezebiti, irrizulta li ma kienx hemm appelli minn ebda minn dawn is-sentenzi.

Madankollu l-addebitu tar-recidiva hija biss applikabbli dment li jkun hemm sejbien ta' htija fuq xi imputazzjoni mressqa kontra l-imputat.

**Ikkunsidrat**

[26] Folio 31-33 ta' l-atti processwali
[27] Dok SZ1-4, Folio 34-41 ta' l-atti processwali
[28] Folio 141-142 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant, fid-dawl kollu ta' dak li ntqal hawn fuq, din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ma ippruvatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi u sejra tghaddi sabiex issib l-imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 8(2),(3)(4) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Andre' Galea **mhux hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tilliberah minn kull htija u piena dwarhom.

In vista tal-fatt li l-imputat gie lliberat din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Moghtija illum nhar il-24 ta' Mejju 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**